MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 1013/2002/1

**Vica Limited**

**v.**

**Terry Limited u Joseph Pace u**
**Paola Development Company Limited**
**u ta' Joseph Borg f'ismu proprju u**
**ghan-nom ta' Marks & Charles Limited**
**intervjenew fil-kawza b'digriet tal-15 ta' Dicembru 2003 u**
**HSBC Bank Malta p.l.c. intervjeniet fil-kawza**
**b'digriet tat- 8 ta' Novembru 2006**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza ta’ Vica Limited u l-intervenuti fil-kawza HSBC Bank Malta p.l.c. minn sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-23 ta’ April 2007 li cahdet it-talbiet magħmula fir-rikors, irrevokat l-inkarigu tal-amministratur provizorju bl-ispejjez u drittijiet tieghu jithallsu mis-socjeta` intimata Terry Limited. L-ispejjez l-ohra tal-partijiet l-ohra ikunu bla taxxa.

Ikun opportun li din il-Qorti tirriproduci s-sentenza tal-ewwel Qorti *in toto* peress illi fiha t-talbiet tar-rikorrenti, l-eccezzjonijiet tal-intimati, sunt tal-fatti, kif ukoll il-motivazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti biex tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

“**Il-Qorti;**

“Rat ir-rikors ippreżentat fid-9 ta’ Settembru, 2002 li permezz tiegħu s-soċjeta` attriċi esponiet bir-rispett:

“Illi s-soċjeta` rikorrenti hija kreditriċi tal-kumpanija Terry Limited.

“Illi l-kumpanija Terry Limited għandha tħallas lill-kumpanija rikorrenti s-segwenti somom fost l-oħrajn is-somma ta’ LM5,123.73 rappresentanti spejjeż u drittijiet dovuti skond taxxa tal-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Terry Limited vs Vica Limited (2347/00JRM) deċiża fit-3 ta’ Lulju, 2002, liema sentenza għaddiet in ġudikat, dan bla preġudizzju għal dawk id-djun ulterjuri li jirriżultaw tul is-smigħ tal-kawża.

“In oltre il-kumpanija Terry Limited hi debitriċi tal-kumpanija Vica Limited in forza ta’ sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili tal-4 ta’ Frar, 1998, fil-kawża fl-ismijiet premessi (ċitazzjoni numru 3370/96/CFS), permezz ta’ liema sentenza l-kumpanija intimata ġiet ikkundannata sabiex “fi żmien xahrejn tagħmel dak kollu meħtieġ u tagħti dawk il-garanziji opportuni u idonei sabiex il-mandat ta’ inibizzjoni fuq riferit jiġi mneħħi u rrevokat; u li

konsegwentement tikkundannaha sabiex tersaq għall-kuntratt ta’ trasferiment tal-proprjeta` fuq deskritta bil-kundizzjonijiet, prezz u termini kollha kontemplati u stipulati fil-preċitat konvenju;” Sal-lum il-kumpanija intimata għadha ma ottemperatx ruħha mas-sentenza premessa u għadha f’dan ir-rigward debitriċi tar-rikorrenti.

“Illi barra minn hekk jirriżulta li l-kumpanija intimata għandha tħallas somom sostanzija lil terzi. Fil-fatt il-kumpanija (dak iż-żmien) Mid-Med Bank Limited kienet ottjeniet il-ħruġ ta’ Mandat ta’ inibizzjoni kontra l-istess kumpanija Terry Limited2 in kawtela tas-somma ta’ mitt elf Lira Maltija oltre l-imgħaxijiet mit-22 ta’ Settembru, 1997 liema somma l-bank attriċi kienet qegħda tvanta mingħand is-soċjeta` intimata bħala garanti solidali mas-soċjeta` STG Limited fuq flus dovuti minn STG Limited b’titolu ta’ self.

“Illi kif ser jiġi ppruvat tul is-smigħ tal-kawża l-kumpanija intimata tinsab fi stat ta’ insolvenza u ma tistax tħallas id-djun tagħha u r-rikorrenti jifhmu li hi solventi.

“Illi l-kumpanija intimata ilha f’dan l-istat ta’ insolvenza għal żmien twil u dan kif jafu, jew kif għandhom jafu d-diretturi tagħha.

“Illi inoltre l-kumpanija rikorrenti ma hijiex qegħda topera skond il-liġi u dan ukoll għaliex wara l-1991 il-kumpanija intimata ma bagħtet lir-reġistratur tal-kumpaniji l-ebda dokument minn dawk li huma rikjesti annwalment skond il-liġi. Filfatt il-pożizzjoni llum hi li terzi persuni huma fl-impossibilita’ li jsiru jafu min huma d-diretturi tal-kumpanija, min għandu r-rappresentanza ġudizzjarja, fejn hi l-uffiċju tal-kumpanija, kemm hu l-kapital u dettalji oħra bħal dawn. Illi r-rikorrenti jissottomettu umilment li dawn in-nuqqasijiet qed isiru bl-iskop li b’hekk il-kumpanija intimati teludi l-obbligi tagħha skond il-liġi.

“Illi x-xoljiment tal-kumpanija hi rikjesti miċ-ċirkostanzi, premessi f’dan ir-rikors, liema ċirkostanzi huma serji u gravi.

“Illi l-intimat Joseph Pace, għan-nom tal-kumpanija, fil-vesti tiegħu ta’ direttur jew ġestur tas-soċjeta` mexxa n-negozju ta’ l-istess kumpanija f’dawn l-aħħar snin bil-ħsieb li jqarraq jew jeludi l-obbligi li l-istess kumpanija għandha versu r-rikorrenti u f’dan ir-rigward kompla għabba l-istess kumpanija b’piżijiet u debiti meta kien jaf li l-kumpanija ma kinitx f’pożizzjoni li jonora l-istess.

“Għaldaqstant, in vista tas-suespost, il-kumpanija rikorrenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

“1. Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjeta` intimata Terry Limited m’hijiex f’qagħda li tħallas id-djun tagħha u/jew li jeżistu ċirkostanzi ta’ gravita’ sufficjenti skond l-artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Att Dwar il-Kumpaniji u konsegwentement tordna x-xoljiment u stralċ konsegwenzjali ta’ l-istess kumpanija intimata a tenur tal-artikolu 214(2)(a)(ii) u/jew 214(2)(b)(iii) tal-Att dwar il-kumpaniji (Att numru XXV tal-1995);

“2. Taħtar, fil-mori ta’ dawn il-proċeduri amministratur provvisorju sabiex jamministra l-affarijiet tas-soċjeta` konvenuta u dan taħt u skond id-disposizzjonijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun li tagħti;

“3. Tagħti kull provvediment opportun sabiex jinħatar l-istralċarju u jiġi kondott l-istralċ konsegwenzjali skond id-disposizzjonijiet tal-Att XXV tal-1995 dwar il-Kumpaniji.

“4. A tenur tal-artikolu 315 tal-Att XXV tal-1995 l-istess Joseph Pace jiġi dikjarat personalment responsabbli għad-danni mingħajr limiti ta’ responsabilita’ għal kull dejn u responsabilitajiet oħra tal-kumpanija intimata u dan minħabba li huwa mexxa n-negozju ta’ l-istess soċjeta` bil-ħsieb ta’ frodi tal-kredituri tagħha kif hawn fuq premess.

“Bl-ispejjeż.

“Rat ir-risposta tal-konvenuti ppreżentata fil-5 ta’ Frar, 2003 li permezz tagħha esponew bir-rispett;

“Illi l-esponenti jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti tiċħad it-talbiet rikorrenti bl-ispejjeż stante illi huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi mhux minnu dak illi qiegħed jiġi allegat fil-konfront tal-esponenti.

“Illi fl-ewwel lok is-sentenza ċitata mis-soċjeta` rikorrenti ta’ l-4 ta’ Frar, 1998 ma kinitx għal ħlas ta’ xi somma ta’ flus iżda sabiex l-esponenti jersqu fuq att finali ta’ bejgħ. Illi r-rikorrenti jaf ben sew illi dan il-kuntratt ma jistax isir billi dina l-art tinsab ruħha milquta minn mandat ta’ inibizzjoni magħmul minn terzi u qabel ma jitneħħa dan il-mandat ma jistax isir il-bejgħ.  Illi di fatti din il-kawża magħmula minn terzi fil-konfront tal-esponenti għadha pendente lite.

“Illi wkoll huwa miċħud illi l-esponenti huma fi stat ta’ insolvenza u se mai r-rikorrenti għandu jġib dawk il-provi meħtieġa.  Illi din l-allegazzjoni hija bażata fuq informazzjoni żbaljata.

“Illi r-rikorrenti huwa żbaljat ukoll fejn huwa qiegħed jallega li l-esponenti qegħda mhux skond il-liġi billi d-dokumenti dwar diretturi u dettalji oħra jinsabu f’idejn l-MFSA u għalhekk din l-allegazzjoni hija nfondata.

“Illi l-esponenti Joe Pace jiċħad kategorikament li huwa qatt qarraq lir-rikorrenti fit-tmexxija tan-negozju tas-soċjeta` esponenti u jitlob lir-rikorrenti sabiex iressaq provi f’dan ir-rigward.  Illi se mai ir-rikorrenti stess kien dejjem jaf illi dina l-art ma setgħetx tintbigħ lilu minħabba l-mandat ta’ inibizzjoni fuq indikat, u allura m jistax jipprova juża din il-proċedura sabiex isservi ta’ theddida fil-konfront tal-esponenti.

“Illi dan ir-rikors huwa wieħed vessatorju u intiż biss sabiex ifixkel it-tmexxija tas-soċjeta` esponenti.

“Rat id-digrieti tagħha li permezz tagħhom is-soċjetajiet HSBC Bank Limited, Paola Devolopments Limited u Joseph Borg f’ismu għan-nom tas-soċjeta` Charles and Marks Limited ġew ammessi fil-kawża fuq talba tagħhom biex jintervjenu *in statu et terminis*.

“Rat id-digriet tal-5 ta’ Diċembru, 2003 li permezz tiegħu ġie maħtur l-Avukat Dottor Peter Fenech bħala amministratur proviżorju tas-soċjeta` intimata.

“Rat l-atti proċesswali.

“Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet.

“Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Marzu, 2007 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

“Ikkunsidrat;

“Illi s-soċjeta` rikorrenti qed titlob li tiġi stralċjata s-soċjeta` intimata għal żewġ raġunijiet u cioe’ li s-soċjeta` intimata ma ottemperatx ruħha mas-sentenza indikata fir-rikors u anke li l-istess soċjeta` naqset għal numru ta’ snin li tottompera ruħha wkoll mal-Kap. 386 billi ma ssottomettitx lir-Reġistratur tal-Kumpaniji l-kontijiet interni tagħha.

“Madankollu eżami anke superfiċjali tal-provi li tressqu quddiem il-Qorti jindika u juri biċ-ċar li l-iskop tal-partijiet kollha fil-kawża inklużi l-intervenuti huwa li jżommu l-interess tagħhom fuq il-biċċa art ta’ valur sostanzjali li hija kontestata b’mod aċerrimu bejniethom għal raġunijiet diversi. L-art li bħalissa għadha legalment formanti parti mill-assi tas-soċjeta` intimata kienet ġiet trasferita lilha mill-intervenut Borg nomine; dan pero’ ilu jsostni għal żmien twil (ipproċeda legalment f’dan is-sens) illi hu trasferixxa l-art pressjoni u mingħajr ma tħallas. Is-soċjeta` intimata tramite d-direttur tagħha Joseph Pace għal snin twal ikkontestat din it-talba u kienu saru konvenji u kuntratti oħra rigwardanti l-art bejn is-soċjeta` Terry Limited u s-soċjeta` rikorrenti u dik intervenuta Paola Developments. Il-bank HSBC għandu interess peress li għandu a favur tiegħu ipoteka speċjali kontra Terry Limited u li tkopri *inter alia*, l-art in kwistjoni.

“Għalhekk il-konfużjoni mill-aspett legali hija ċara. Is-soċjeta` attriċi aġixxiet fil-każ in eżami biex Joseph Pace ma jkunx f’pożizzjoni li jittransiġi jew jasal f’xi forma ta’

ftehim ma' Joseph Borg li da parti tiegħu ma jridx li Pace ikun inibit milli jagħmel dan. Paola Developments u l-bank għal raġunijiet differenti huma fl-istess sitwazzjoni tas-soċjeta` rikorrenti.

"Fil-mori tal-kawża s-soċjeta` intimata offriet l-ispejjeż tal-kawża reklamati mir-rikorrenti iżda dawn ma aċċettawhomx għaliex isostnu li dan ma hux biżżejjed għaliex xorta waħda Terry Limited ma hijiex f'pożizzjoni li toffri l-garanziji rikjesti minnha skond is-sentenza in kwistjoni. Madankollu l-Qorti ma tħossx li din hija raġuni biżżejjed biex is-soċjeta` intimata tiġi stralċjata għaliex ir-rikorrenti kienu konsapevoli mis-sitwazzjoni li kienet tinsab fiha Terry Limited. Għalhekk ma tistax issi titlob stralċ fuq dan il-bażi biss għaliex is-sitwazzjoni ġabitha hija stess meta talbet dak li taf li huwa impossibbli.

"Fuq kollox il-Qorti ma tħossx li huwa ġust li hija (il-Qorti stess) tintuża biex is-soċjeta` rikorrenti tasal għal dak li trid taħt premessa li ma hijiex f'pożizzjoni li tiddeċiedi dwar l-allegazzjonijiet varji tal-partijiet fir-rigward ta' l-art in kwistjoni għaliex dawn għandhom jiġu deċiżi fil-kawżi appositi. Il-partijiet sorta jistgħu jitolbu li jintervjenu fil-proċeduri l-oħra biex jaraw li ma jsirux transazzjonijiet dubjużi kif qed jallegaw li saru jew se jsiru; jistgħu ukoll jintavolaw proċeduri oħra skond il-liġi imma mhux jitolbu stralċ li għandu jkollu skop ieħor. Huwa veru li l-Art. 214(2) (b) jagħti lill-Qorti fakolta' li tordna l-istralċ meta tħoss li hemm raġunijiet gravi biżżejjed u huwa minnu li kif inhi bħalissa s-sosċjeta` intimata ma hijiex qed tiġi ġestita tajjeb. Iżda li tintuża l-istralċ biex fil-verita' tiġi deċiża l-proprjeta` ta' art ma hijiex fil-fehma tal-Qorti proċedura idoneja, anzi l-interventi ta' l-amministratur provviżorju f'dan il-każ juri li dan m'huwiex il-każ. Naturalment dan ma jirrifletti xejn fuq l-amministrazzjoni per se ta' l-istess amministratur iżda juri li bil-fatti l-amministrazzjoni ma solviet ebda problema fil-kawżi l-oħra pendenti bejn il-partijiet anzi iktar ikkomplikathom. Għalhekk m'huwiex il-każ li dak li ġie esperimentat (a ċertu punt) jiġi perpetwat iżda l-kawżi għandhom jieħdu l-kors normali tagħhom qabel ma jiġi deċiż li s-soċjeta` tiġi stralċjata jekk ikun il-

każ. Huwa ċar ukoll illi s-soċjeta` intimata għandha assi biżżejjed biex tissodisfa d-debiti li ġew pruvati.

“Fir-rigward tad-dokumenti li kellhom jiġu presentati lir-Reġistratur tal-kumpaniji, fil-waqt li huwa minnu li s-soċjeta` intimata għandha tagħmel dan mingħajr dewmien dan waħdu ma kkawżax preġudizzju lis-soċjeta` rikorrenti. Fi kliem ieħor il-kawżali kollha imsemmija mis-soċjeta` rikorrenti ma ġewx ippruvati li jsaħħuha bl-interess ġuridiku li għandu jsaħħaħ kull min jippromovi proċeduri quddiem il-Qrati. L-*utilita finale* tal-kawża in kwistjoni m’hijiex dikjarata iżda oħra.

“Fir-rigward imbagħad tar-raba’ talba, il-Qorti tħoss li din *semmai* tiġi deċiża fi stadju ulterjuri meta s-sitwazzjoni tiċċara u dan billi għall-inqas jiġu deċiżi l-kawżi kollha pendenti li baqa’ fir-rigward. Għalhekk bħalissa t-talba għadha intempestiva.

“**Għaldaqstant il-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti kif proposti; tirrevoka l-inkarigu tal-amministratur proviżorju iżda tordna li l-ispejjeż u drittijiet tiegħu għandhom jitħallsu mis-soċjeta` intimata Terry Limited. L-ispejjeż l-oħra tal-partijiet l-oħra jkunu bla taxxa.**”

**Rikors tal-appell ta’ Vica Limited**

Is-socjeta` rikorrenti hassitha aggravata bis-sentenza surreferita u ghalhekk interponiet dan l-appell fejn talbet li l-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa’ t-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

In succinct, l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti:

Illi l-ewwel Qorti fehmet hazin it-talbiet attrici u ghalhekk interpretat hazin il-ligi applikabbili u l-fatti li rrizultawlha. Il-Qorti – dejjem skond Vica Ltd. – ma dahlitx fl-essenza tat-talbiet attrici u fehmet skorrettement li l-iskop tal-kawza li, skond hi, kien “li tintuza l-istralc biex fil-verita` tigi deciza l-proprjeta` tal-art”. Is-socjeta` appellanti ssottomettiet li t-

talba taghha kienet imsejsa fuq zewg binarji; (i) li l-kumpanija intimata hija nsolventi (Art. 214(2)(a)(ii) Kap 386) u (ii) li l-kumpanija intimata kienet qedghda titmexxa frawdolentement bi pregudizzju ghad-drittijiet tar-rikorrenti (Art. 214(2)(b)(iii) Kap. 386).

Dwar l-insolvenza tal-kumpanija intimata, is-socjeta` rikorrenti tghid li rrizulta ampjament mill-atti tal-kawza li l-kumpanija intimata ma hallsitx dejn dovut minnha skond sentenza minkejja li ghaddew 24 gimgha mill-hrug tal-mandati ezekuttivi (Art. 213(5)(a) tal-Kap. 386). It-tentattivi ta' terzi biex jissaldaw dan id-dejn ma kienx se jissana l-posizzjoni tal-kumpanija billi hi ma kellhiex assi taghha minn fejn taghmel il-hlas, u kellha diversi djun ohra mhux imhallsa li kienu jissuperaw l-assi tal-kumpanija (Art. 213(5)(b) tal-Kap. 386). Inoltre l-kwistjoni tal-insolvenza ma kienitx limitata ghall-kwistjoni tal-ispejjez ta' kawza precedenti. Ghalhekk stabbilit li l-kumpanija ma setghetx thallas id-dejn taghha, kien jinkombi fuq is-socjeta` intimata li tipprova li l-kumpanija kienet solventi, haga li ma ghamlitx, kif wera l-amministratur provizorju li gie nominat mill-Qorti. Id-dikjarazzjoni tal-assi li pprezentat s-socjeta` intimata mhumiex sodisfacenti billi dawn ma jirrizultawx minn *audited accounts* u l-art in kontestazzjoni hi marbuta b'konvenju favur ir-rikorrenti.

Dwar it-tmexxija frawdolenti, l-imsemmija socjeta` appellanti ssottomettiet li l-kumpanija kienet ilha snin falluta u minkejja dan l-intimat Joseph Pace, direttur u azzjonista taghha, baqa' jinnegozja bi frodi tal-kredituri taghha. Skond l-appellanti l-ewwel Qorti ma fehmitx l-importanza tal-obbligu impost fuq il-kumpanija u d-direttur taghha li jigu pprezentati l-*audited accounts* tal-kumpanija. Ir-rikorrenti ssemmi l-*fraudulent preferences* li pprattika Joseph Pace, billi ta vantagg mhux misthoqq lil terzi fuq il-kredituri l-ohra u semmiet b'ezempju l-ammissjoni li saret minn Joseph Pace f'kawza biex jinghata vantagg l-intervenut Joseph Borg. Ir-rikorrenti tghid li l-process hu mimli b'episodju ta' agir frawdolenti u tahwid u konfuzjoni totali da parti ta' Joseph Pace. L-ewwel Qorti naqset li tinnomina likwidatur biex jara li l-assi tal-kumpanija jigu applikati skond il-ligi in sodisfazzjon tad-djun ippruvati, u

minflok halliet lill-kumpanija tkompli tintuza mid-direttur taghha ghal skopjiet frawdolenti tieghu.

**Rikors tal-Appell tal-HSBC Bank Malta p.l.c**

Is-socjeta` intervenuta fil-kawza HSBC Bank Malta p.l.c hassitha aggravata bis-sentenza surreferita u ghalhekk interponiet appell fejn talbet li l-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u taghti dawk il-provvedimenti opportuni biex jinhatar l-istralcarju u jigi kondott l-istralc konsegwenzjali ta’ Terry Limited skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 386 u a tenur tal-Artikolu 315 tiddikjara l-istess Joseph Pace bhala personalment responsabbili ghad-danni minghajr limiti ta’ responsabbilta` ghal kull dejn u responsabbiltajiet ohra tal-kumpanija intimata, u dan minhabba li huwa mexxa n-negozju tal-istess socjeta` bil-hsieb ta’ frodi tal-kredituri taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati.

L-aggravju tal-bank appellant fil-qosor huwa s-segwenti.

Illi jirrizulta mill-atti tal-kawza li s-socjeta` intimata ma hijiex thallas id-djun taghha. Dan jirrizulta b’mod lampanti min-Nota tal-Amministratur Provizorju tal-10 ta’ Gunju 2005 fejn jinghad li l-kumpanija Terry Limited ghadha debitrici ta’ Joseph Borg u tal-Bank appellant. Jirrizulta li l-kumpanija intimata qatt ma pprezentat l-*audited accounts* taghha. Jirrizulta wkoll li s-socjeta` intimata bdiet twettaq pjan biex tisvesti ruhha mill-art *de quo* favur Paola Developments Ltd u b’hekk il-kredituri ma jithallsux. Dan l-agir jinkwadra ruhu fl-Artikoli 214(2)(b)(iii) u 214(2)(a)(ii) tal-Kap. 386 u ghalhekk il-Qorti ghandha tipprotegi lill-kredituri minn direttur intenzjonat li jrendi ruhu insolventi. Ghalhekk din is-socjeta` talbet li jigi nominat il-likwidatur, ad eskluzzjoni ta’ Joseph Pace.

**Risposta tal-intervenuti fil-kawza Joseph Borg u Marks & Charles Limited ghall-appell interpost mill-appellanti Vica Limited u HSBC Bank Malta p.l.c.**

Illi l-intervenuti msemmija wiegbu li s-sentenza tal-ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma.

L-intervenuti jaqblu mal-ewwel Qorti li mhux gust li din l-azzjoni tintuza biex is-socjeta` Vica Ltd u HSBC Bank Malta p.l.c jaslu ghal dak li jridu huma taht il-premessa li jitolbu l-istralc tal-kumpanija Terry Ltd meta huma kienu kompartecipi f'kuntratti b'qerq stante illi sija l-konvenju tat-23 ta' Jannar 1995 kif ukoll il-kuntratti ta' ipoteki specjali maghmula kemm mill-HSBC Bank u Vica Limited huma nulli ghax saru wara l-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni 6/89 li Joseph Borg kien hareg kontra Joseph Pace[1].

Dawn l-intervenuti jissottomettu li l-Bank HSBC Malta p.l.c m'ghandu ebda interess guridiku f'din il-kawza billi l-uniku ness li jezisti, jekk jezisti, gej mill-fatt li hi u Vica Limited kellhom rapporti kummercjali mal-istess socjeta` Terry Limited. Gie ppruvat li l-kumpanija Terry Limited ghandha assi bizzejjed u mhix fi stat ta' falliment tant li hallset id-debitu pretiz fic-citazzjoni.

Ghalhekk dawn l-intervenuti talbu li l-appelli jigu michuda bl-ispejjez kontra l-appellanti.

**Risposta ta' Terry Limited ghall-appelli ta' Vica Limited u HSBC Bank Malta p.l.c.**

Terry Limited wiegbet li s-sentenza appellata hija wahda gusta u timmerita li tigi konfermata bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti.

Is-socjeta` Terry Limited, wara li ghamlet riepilogu tal-punti saljenti fil-premessi tar-rikors promotorju, wiegbet fejn ma' taqbilx maghhom. Hi tghid li l-veru skop tal-azzjoni hi biex Terry Limited ma tkunx f'pozizzjoni li tittransigi jew tasal ghal xi forma ta' ftehim ma' Joseph Borg, u mhux ghax il-kumpanija hija insolventi, u l-ewwel Qorti gustament sabet li ma kienx hemm ragunijiet sufficjenti biex il-kumpanija tigi stralcjata. Ir-rikorrenti kienu jafu li l-art kienet milquta b'mandat ta' inibizzjoni meta sar il-konvenju ghalhekk issa ma jistghux jitolbu l-istralc ghar-raguni li din ghadha ma resqitx ghall-att finali.

[1] Art 873(10) tal-Kap 12.

Il-Bank HSBC kien jaf jew messu kien jaf li kien hemm il-mandat ta’ inibizzjoni u ma messux silef flus lill-kumpanija intimata. Il-fatt li l-bank hu kreditur tas-socjeta` intimata mhux raguni valida sabiex l-kumpanija intimata titqieghed fi stat ta’ stralc.

**Risposta ta’ Joseph Pace ghall-appelli ta’ Vica Limited u HSBC Bank Malta p.l.c.**

Fir-risposta tieghu Joseph Pace ta r-retroxena tal-avvenimenti li wasslu ghal din il-kawza rigwardanti l-artijiet maghrufa bhala “Ta’ Zilfa” u “Ta’ Beligna”. Hu jsemmi li kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-Bank kienu jafu li kien inhareg mandat ta’ inibizzjoni kontra tieghu biex ma jiddisponix minn din l-art, izda xorta wahda sar konvenju u l-bank ta self lil Terry Limited kontra garanzija ipotekarja fuq l-istess art.

Dwar il-premessi fir-rikors promotorju, dan l-intimat, issa appellat, jghid li l-ispejjez tal-kawza kienu thallsu fil-mori tar-rikors kif ukoll l-*annual returns* gew prezentati. Il-kuntratt favur ir-rikorrenti ma jistax isehh u s-sentenza tal-Qorti tigi esegwita billi kemm il-mandat, il-konvenju, kif ukoll is-sentenza qed jigu kontestati fil-Qorti. Finalment jghid li ma ngabet ebda prova in sostenn tal-allegazzjoni dwar frodi fil-konfront tieghu.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

**L-okkju tal-kawza**

Qabel ma din il-Qorti tiddelibera u tiddeciedi dwar l-aggravji tal-appellanti, ghandha tissenjala l-pregudizzjali li d-difensur tal-appellanti Vica Limited gabet ghall-attenzjoni ta’ din il-Qorti dwar l-okkju tal-kawza u tar-rikors tal-appell li huwa monk stante li fl-okkju ma jidhrux l-ismijiet tal-intervenuti fil-kawza.

L-appellanti ghandha ragun dwar il-punt sollevat billi fl-okkju tal-kawza l-isem tal-intervenuti ma tnizzilx ghalkemm b’digriet tal-15 ta’ Dicembru 2003 l-ewwel Qorti laqghet it-talba ta’ Paola Development Co. Ltd u ta’

Joseph Borg f'ismu proprju u ghan-nom ta' Marks & Charles Limited biex jintervjenu fil-kawza u l-istess kienet ghamlet fir-rigward tal-Bank HSBC Malta p.l.c li gie awtorizzat jintervjeni fil-kawza b'digriet tat-8 ta' Novembru 2006.

L-okkju tal-kawza ghandu importanza relattiva u ma jitbiddilx fil-kors tal-kawza ghalkemm jista' jkun hemm tibdil fir-rapprezentanza ta' parti jew ta' ohra. Fil-kaz in ezami jekk l-intervenjenti fil-kawza ma jissemmewx fl-okkju tas-sentenza dan ma jikkostitwix nullita`. Dan ghaliex a differenza tal-kjamat fil-kawza, l-intervenjent la huwa attur u lanqas konvenut u huwa la jista' jigi kkundannat u lanqas liberat mit-talba. Ghal kull buon fini pero` din il-Qorti qed tordna li fic-cirkostanzi u ai termini tas-sub-inciz (2) tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 issir korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens li wara l-kliem, "Terry Limited u Joseph Pace" jizdiedu l-kliem **u *Paola Development Company Limited u ta' Joseph Borg f'ismu proprju u ghan-nom ta' Marks & Charles Limited ntervjenew fil-kawza b'digriet tal-15 ta' Dicembru 2003 u HSBC Bank Malta p.l.c intervjeniet fil-kawza b'digriet tat- 8 ta' Novembru 2006.*** *"*

**Talbiet**

F'dan ir-rikors is-socjeta` rikorrenti talbet dikjarazzjoni ta' falliment tal-kumpanija intimata Terry Limited u l-hatra ta' likwidatur a tenur tal-Att dwar il-Kumpaniji.

It-talbiet fir-rikors promotur kienu s-segwenti: li l-Qorti-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` intimata Terry Limited m'hijiex f'qagħda li tħallas id-djun tagħha u/jew li jeżistu cirkostanzi ta' gravita` sufficjenti skond l-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Att Dwar il-Kumpaniji u konsegwentement tordna x-xoljiment u stralc konsegwenzjali tal-istess kumpanija intimata a tenur tal-artikolu 214(2)(a)(ii) u/jew 214(2)(b)(iii) tal-Att dwar il-kumpaniji (Att numru XXV tal-1995);

2. Taħtar, fil-mori ta' dawn il-proceduri amministratur provizorju;

3. Tagħti kull provvediment opportun sabiex jinħatar l-istralcarju;

4. A tenur tal-Artikolu 315 tal-Att XXV tal-1995 l-istess Joseph Pace jigi dikjarat personalment responsabbli.

U dan a bazi tal-**premessi** illi:
Is-socjeta` intimata ghandha thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' LM5,123.73 rapprezentanti spejjeż u drittijiet dovuti skond taxxa tal-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Terry Limited v. Vica Limited** (2347/00JRM) deciża fit-3 ta' Lulju, 2002, dan bla pregudizzju għal dawk id-djun ulterjuri li jirriżultaw tul is-smigħ tal-kawża.

Inoltre Terry Limited, skond sentenza tal-4 ta' Frar 1998 (Citaz Nru 3370/93/CFS) kellha tara li jitnehha mandat ta' inibizzjoni u tersaq ghall-kuntratt ta' trasferiment ta' proprjeta` lir-rikorrenti.

Barra minn hekk is-socjeta` intimata ghandha thallas sommom sostanzjali lil terzi fosthom lill-HSBC Bank Malta p.l.c.

Li s-socjeta` intimata hija fi stat ta' insolvenza u ma tistax thallas id-djun taghha u qed topera mhux skond il-ligi billi lanqas qed tibghat d-dokumenti lir-registratur tal-Kumpaniji kif rikjest mil-ligi.

L-intimat Joseph Pace mexxa l-imsemmija kumpanija mod frawdolent.

**Decizjoni tal-ewwel Qorti**

L-ewwel Qorti ddisponiet mill-vertenza billi ddecidiet li t-talba kienet intempestiva, u ghalkemm irrizulta li s-socjeta` intimata ma kientx qed tigi gestita tajjeb, l-procedura tal-istralc ma kienetx il-procedura idoneja u ma kellhiex tintuza biex tigi deciza l-proprjeta` tal-art in kwistjoni. Ghalhekk il-kawzi li hemm bejn il-partijiet dwar

din l-art ghandhom jiehdu l-kors normali taghhom u jigu decizi qabel s-socjeta` tigi stralcjata, jekk ikun il-kaz.

**Kontestazzjonijiet**

Illi s-socjeta` intimata, fost id-diversi proprjeta` li kellha, kienet tippossjedi bicctejn art konsistenti fi plots bil-permessi fil-Fgura ta' valur sostanzjali li llum huma kontestati b'sahha bejn il-partijiet billi qed jippretendu li huma kredituri ta' Terry Limited u ghalhekk qed jesigu li jithallsu l-kreditu taghhom mill-bejgh ta' din l-art jew, bhal fil-kaz tar-rikorrenti, li l-art hija taghha ghax qeghda fuq konvenju mas-socjeta` intimata u ghandha sentenza favuriha. Joseph Borg ukoll jinsab kreditur tas-socjeta` intimata u qed jitlob danni billi qed jikkontendi li din l-art ittiehdet illegalment minghandu u llum hemm ammissjoni ta' Joseph Pace li fil-fatt huwa hekk.[2] Il-bank HSBC ukoll huwa kreditur tas-socjeta` intimata billi kien silef flus lil Terry Ltd u ghandu sentenzi kontra taghha b'ipoteki specjali ghal ammont ta' cirka Lm200,000 oltre l-imghax.

Gew prezentati numru kbir ta' kawzi u mandati dwar din l-Art. Xi kawzi gew decizi u ohrajn ghad iridu jigu decizi, u fihom l-istess partijiet qed jikkontestaw il-pretensjonijiet ta' xulxin. L-ewwel Qorti iddecidiet il-kawza odjerna billi qalet li t-talba ghall-istralc kienet intempestiva u kien ahjar li thalli l-kawzi li hemm bejn il-partijiet jiehdu l-kors taghhom u jigu decizi u mhux li tiddeciedi hi ta' min hija l-Art.

Il-bank (HSBC) u r-rikorrenti appellanti (Vica Ltd.) ma qablux ma din id-decizjoni billi qed isostnu li din ma kientex in-natura tal-azzjoni proposta mir-rikorrenti u lanqas ma kienet azzjoni dwar hlas tal-ispejjez ta' kawza partikolari wahda. Huma jsostnu li l-kumpanija qed titmexxa bi frodi u jibzghu li jekk ma jigix nominat likwidatur, kif intalab fir-rikors promotur, Joseph Pace ser jammetti kawzi favur kreditur partikolari jew ma jikkontestax kawzi, b'detrimenti ta' Terry Limited u tal-kredituri l-ohra.

---

[2] Ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fic-citazzjoni 512/89 deciza fis-6 ta' April 2006.

**Punt li jrid jigi deciz**

Ghalhekk il-punt li jrid jigi deciz minn din il-Qorti mhux ta' min hija l-art, jew min mill-krredituri ghandu l-ahjar titolu jew ghandu jigi preferut, imma jekk ir-rikorrenti ppruvatx a sodisfazzjon tal-ewwel Qorti (u issa ta' din il-Qorti) t-talba taghha li s-socjeta` intimata hi insolventi u ghandha tigi stralcjata.

**Aggravji**

**Insolvenza u Frodi**

Vica Limited tissottometti li l-iskop tal-kawza kien proprjament biex jigi deciz li l-kumpanija intimata kienet insolventi (Art. 214(2)(a)(ii) Kap. 386) u li kienet qeghda titmexxa frawdolentement mid-direttur u azzjonist taghha Joseph Pace (Art. 214(2)(b)(iii) Kap. 386). Kien ghalhekk biss li ntalab l-istralc taghha.

Fl-artikoli msemmja l-ligi tipprovdi li:
Art. 214(1) A company shall be dissolved and consequently wound up in the following cases –

Ommissis ……

(2) In addition to the modes of dissolution referred to in sub-article (1) -

(*a*) (ii) the company is <u>unable to pay its debts</u>; and

(*b*) (iii) the court is of the opinion that there are <u>grounds of sufficient gravity</u> to warrant the dissolution and consequent winding up of the company.

F'kazi bhal dawn, il-Qorti trid tezamina jekk is-sitwazzjoni tal-kumpanija hijiex tali li tiggustifika s-soluzzjoni li din tigi stralcjata jew jekk ghadx hemm il-possibbilita` li l-kumpanija terga topera fil-vicin u thallas id-djun taghha. Il-ligi trid li kumpanija tigi likwidata jekk jigi ppruvat li hi ma tistax thallas id-dejn taghha meta jigu dovuti. Din il-kondizzjoni tista' tigi verifikata permezz tal-*accounts* tal-

kumpanija u l-mod kif tigi gestita. L-*accounts* ghandhom jitlestew u jigu pprezentati regolarment u fil-hin, b'mod li l-kredituri jkunu jistghu jkunu jafu x'inhi s-sahha finanzjarja tal-kumpanija meta jigu biex jinnegozjaw maghha.

**Insolvenza**

Ir-rikorrenti u l-bank jikkontendu li, indipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra li ssemmew fil-kors tal-kawza, l-kumpanija intimata ghandha tigi stralcjata ghax mhux qed thallas id-dejn taghha u gie pruvat li jezistu djun illi s-socjeta` intimata ilha zmien twil ma thallas. Min-naha l-ohra Joseph Pace jsostni li l-kumpanija intimata ghandha assi minn fejn thallas, u mhux minnu li waqfet thallas id-djun taghha, imma giet imwaqqfa milli thallas id-djun taghha mill-istess appellanti u dawn jinsabu fil-pozizzjoni li qeghdin fiha bil-konsapevolezza taghhom meta nnegozjaw mal-kumpanija intimata.

Is-socjeta` rikorrenti talbet l-istralc tal-kumpanija intimata ghax qed tippretendi li din ma hallsitx id-djun taghha u semmiet fost ohrajn l-ammont ta' LM5,123.73 rapprezentanti spejjez u drittijiet tal-kawza 2347/00JRM fl-ismijiet **Terry Limited v. Vica Limited**. Fil-kors tal-kawza odjerna, proprjament fil-11 ta' Lulju 2006 giet prezentata nota f'isem Terry Limited iffirmata mill-Avukat E. Debono (l-Avukat tal-intervenut l-iehor Joseph Borg) fejn il-Qorti giet infurmata li Terry Limited hallset l-ammont mitlub ta' LM5,123.73. Dan il-pagament pero` ma giex accettat mir-rikorrenti[3] u permezz ta' cedola ta' depozitu l-istess ammont gie depozitat fil-Qorti minn Terry Limited.

Issa, ghalkemm huwa accettat li wiehed, bhala regola, jista' jaghmel pagament ta' debitu f'interess ta' haddiehor (Artikolu 1148/1149 tal-Kap 16) jidher li f'dan il-kaz, l-offerta ta' pagament tad-dejn ta' Terry Ltd. maghmul mit-terz, l-intervenut Joseph Borg[4], kienet fl-interess tal-istess

[3] Skond ir-rikorrenti dan ic-cheque ma giex accettatat minhabba r-regoli dwar il-kumpaniji insolventi fil-Kap 386 biex ma jigux pregudikati l-kredituri l-ohra u ma jkunx hemm "*fraudulent preferences*".
[4] Ara fol 167 u 187. Vol.2. Enumerar provvisorju ta' din il-Qorti stante li l-ewwel Qorti ma enumeratx il-pagni fit-tieni volum tal-kawza.

terz a detriment tal-kredituri l-ohra u biex hu jiehu vantagg indebitu. Kull ma kien ser isir kien li d-dejn minn kreditur wiehed jigi trasferit fuq kreditur iehor. Izda l-Qorti, f'kazijiet bhal dawn, trid dejjem tiehu in konsiderazzjoni l-krediti kollha l-ohra li dwarhom tkun saret il-prova u li ghandhom ukoll jigu mharsin. Jidher pero` li anke jekk l-ispejjez tal-kawza in kwistjoni jithallsu, s-socjeta` intimata l-istess kienet ser tibqa' f'posizzjoni li ma tistax thallas id-dejn l-iehor akkumulat minnha. Inoltre din il-Qorti ma teskludix, anzi ttendi li tara, li f'din ic-cirkostanza kien hemm ukoll kolluzzjoni bejn Joseph Borg u Joseph Pace. Fil-fatt Joseph Borg fuq kontroezami fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2006 xehed hekk[5]:

"Dr. T. Cachia: Id-domanda hija semplici, is-sena ta' meta ammetta s-sur Pace jien staqsejtek.

"Joseph Borg: Ha nigi ghad-data ghax inkella ma niftakarx. Joe Pace dejjem qalli: "Hallasli dak li tajt lil Lorry Sant u lil Piju (Camilleri) u jien l-art ma rrid xejn minnha". Dak iz-zmien l-art ma kinitx tiswa hafna flus. Meta ghadda z-zmien l-art giet tiswa l-flus u kienet *va la pena* li naccetta li jien niehu nofsha u wara dak iz-zmien ammetta Joe Pace.

"Dr. T. Cachia: Jigifieri Joe Pace ammetta li ftehmtu bejnietkom?

"Mhux ftehmna bejnietna, wara li l-valur tal-art gholiet."

Joseph Pace kien l-ewwel ikkontesta bil-qawwa l-kawza numru 512/89 li kien ghamillu Joseph Borg fl-1989, imbaghad kellu ripensament u ammetta din il-kawza fis-17 ta' Ottubru 2003[6]. Fil-kors ta' din il-kawza, imbaghad fl-2006 Joseph Borg offra wkoll li jhallas d-dejn ta' Joseph Pace fl-ammont ta' Lm5,123.73!

Il-kumpanija intimata, apparti d-dejn fuq imsemmi, kellha wkoll djun ohra li ma hallsitx. Il-Bank ghandu jithallas l-

[5], (Vol 2 fol 115).
[6] Dan meta l-art kienet kolpita b'diversi mandati ta' inibizzjoni u kienet marbuta b'konvenji.

ammont ta’ xi Lm200,000 oltre l-imghax, u l-art in kwistjoni qeghda taghmel tajjeb ghal dan id-dejn u hemm diversi ipoteki u mandati ta’ inibizzjoni in kawtela tal-istess kreditu. Il-bank gie kanonizzat b’zewg sentenzi tal-Qorti (ara Dokti. GCD JDM1 JDM2 )[7]. Barra dan id-dejn hemm ukoll il-pretensjoni ta’ Joseph Borg ghal xi Lm800,000 bhala danni subiti wara li ttiehditlu l-Art.

Din il-Qorti mhix ser tidhol fil-kwistjoni dwar kif saru dawn id-djun imma se tikkostata biss bhala fatt li dawn id-djun jezistu u li hemm sentenzi tal-Qorti li jikkanonizzaw dawn l-ammonti. Jirrizulta pero` li l-kumpanija intimata mhix f’pozizzjoni li thallas dawn id-djun u ilha zmien twil ma thallas. Fil-fatt meta Joseph Pace xehed fl-2006, hu qal li l-kumpanija kienet ilha diga` ma thallas ghaxar snin (dak iz-zmien). Jirrizulta wkoll mill-provi li l-kumpanija intimata mhix qed tikkummercja u waqfet topera u ma hemmx possibbilita` li hi tkun tista’ terga’ topera fil-vicin u thallas id-djun taghha. La darba saret din il-prova mis-socjeta` rikorrenti, kien jispetta lis-socjeta` intimata li hi tirribatti din il-prova billi ggib prova li s-socjeta` Terry Ltd hija vijabbli u li ser thallas id-djun taghha, haga li hija, pero`, ma ghamlitx. Kumpanija hija insolventi meta tieqaf thallas id-djun taghha u mhux mehtieg li jintwera li m’ghandhiex mnejn thallas. Is-socjeta` rikorrenti ppruvat ukoll li l-kumpanija Ilha mill-1991 ma tipprezenta l-accounts taghha[8] u l-*compliance* saret biss fl-ahhar tat-2003. Inutili li l-accounts jigu pprezentati issa xi ghoxrin sena wara, billi l-kredituri jridu jkun jafu bis-sahha tal-kumpanija meta jinnegozjaw maghha u mhux wara li din issir insolventi! Dan in-nuqqas hu wiehed mill-elementi ta’ *mismanagement* li jista’ jwassal ghall-insolvenza.

Inoltre l-Qorti hi tal-fehma li l-art in kwistjoni m’ghandhiex titqies bhala assi tal-kumpanija billi apparti li hija ipotekata u qed taghmel garanti ghal djun, hi marbuta wkoll b’konvenju u b’sentenza tal-Qorti li ordnat lis-socjeta`

[7] Citaz: 2455/00 HSBC vs STG et; 2572/97 u Mid Med vs STG et, a fol 382 u 387 rispettivament.
[8] Art Dok A1-4 u xhieda ta’ Astrid Farrugia a fol 45.

intimata taddivjeni ghall-kuntratt finali mar-rikorrenti [9]. Din il-konsiderazzjoni twassal lill-Qorti ghall-konsiderazzjoni l-ohra dwar kif tmexxiet il-kumpanija Terry Limited mill-intimat Joseph Pace fir-rigward ta' din l-art u l-istat li tinsab fiha llum b'dawn il-kawzi kollha kontra taghha.

**Ragunijiet gravi**

Is-socjeta` rikorrenti ssostni li s-socjeta` intimata hija involuta fi frodi "left, right and centre" u ghalhekk hemm raguni gravi ghaliex ghandha tigi stralcjata. Min-naha l-ohra Joseph Pace isostni li fin-negozju li hu ghamel kien dejjem mhedded – mhedded meta Borg biegh l-art lill-kumpanija tieghu; mhedded meta ghamel il-konvenju mar-rikorrenti; mhedded meta gabar id-depozitu minghand ir-rikorrent; mhedded meta ma kkkontestax il-kawza li ghamlitlu r-rikorrenti; mhedded meta issellef il-flus mill-bank.

L-ewwel Qorti rrikonoxxiet, u din il-Qorti ma tistax ma tikkondividix din il-konkluzjoni wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha, li Joseph Pace ma kienx qed jiggestixxi l-kumpanija tajjeb, anzi kien qed ihawwad kemm jiflah jekk mhux ukoll iqarraq. Dan hu l-aktar evidenti, apparti dak li ntqal dwar l-*accounts* li qatt ma nzammu, mill-mod kif Joseph Pace pprova juza u jinnegozja din l-art ghal interess tieghu u biex ghamel flus minnha. Pace jghid li min-negozju ta' din l-art hu ma ha xejn hlief inkwiet u bombi. Din il-Qorti pero` ghandha opinjoni ben diversa. Meta l-art in kwistjoni giet trasferita lilu b'kuntratt tat-8 ta' Dicembru 1981 minn Paola Development Co. Ltd., Joseph Pace ikkonsidra l-art bhala tieghu u rrezista kull pretensjoni li Joseph Borg kien qed javvanza dwar din l-art u hassu liberu li jinnegozjaha, u theddid u bombi qatt ma ssemmew dak iz-zmien. Ix-xhud Pierre Gaffiero[10], is-sensal li ha lil Pace ghand ir-rikorrenti, jikkonferma aktar minn darba li Joseph Pace kien jigri bil-kuntratti f'idu u

[9] Din is-sentenza qed tigi attakkata b'kawza b'kawza ohra numru 803/2003 RCP fl-ismijiet Borg vs Vica Ltd u qeghda ghar-rapport ghas- 7 ta' Ottubru 2010

[10] Xhieda fil-volum 2.

jghid li l-art hija tieghu. Gaffiero jghid li meta sar il-konvenju fuq l-art ma' Vica Ltd, Joseph Pace wahdu dahhal Lm100,000 bhala depozitu u lilu kien tah Lm 2000 talli kien laqqghu ma' Vica Ltd. Dwar l-allegazzjoni ta' Joseph Pace li hu kien mhedded, ma ngabet ebda prova konkreta li hu kien kostrett jbiegh l-Art. Zgur pero` li ma hemm ebda allegazzjoni f'dan is-sens fil-konfront tar-rikorrenti. In-Nutar Tonio Spiteri xehed li ma kien hemm ebda theddid meta sar il-konvenju u Pace ma ffirmax bil-fors. Dak iz-zmien Pace ma kien isemmi l-ebda bombi u lanqas theddid.

Dwar dan Pace xehed hekk[11]:
"Dr. E. Debono: Fuq din it-tieni skrittura inti ghedtilhom illi kellek mandat ta' inibizzjoni?

"J. Pace: Dottore, jiena ma kont nghid xejn, naghmel li jghiduli ghax inkella kont insib ruhi c-cimiterju."

Jidher li Pace ghamel l-istess haga meta gie biex jissellef il-flus mill-bank u ipoteka din l-Art.

Joseph Pace ghamel konvenji ohra fuq din l-art apparti l-konvenju li hu ghamel mar-rikorrenti. Dwar l-ewwel konvenju li sar bejn Vica Ltd u Terry Ltd fuq din l-art, ir-rikorrenti jghidu li fl-ewwel konvenju huma ma kienu jafu b'xejn dwar il-mandat ta' inibizzjoni li hareg Joseph Borg kontra Terry Limited u kien biss meta infurmahom in-Nutar Spiteri li huma ghamlu arrangament iehor ma' Pace li accetta li jidhol garanti u ntrabat li jillibera l-art mill-mandat. It-tieni konvenju (jew tigdid tal-ewwel wiehed, skond kif wiehed isejjahhlu) sar, ghax skond ir-rikorrenti, Borg kien qed jippretendi biss danni, u ghalhekk Pace kien ser isib mezz kif jillibera l-Art.

Dan kollu juri li Pace ma kienx qed imexxi l-kumpanija sew anzi, kif inghad, kien qed ihawwad kemm jiflah. Minhabba f'hekk saru diversi kawzi kontra l-intimat Pace u l-kumpanija tieghu Terry Ltd. Ir-rikorrenti Vica Ltd ghamlet kawza kontra Terry Limited fl-1998 u Joseph Pace baqa'

[11] Vol 2 fol 135

kontumaci b'mod li Vica Limited hadet sentenza fejn il-Qorti kkundannat lil Terry Ltd biex tersaq ghall-kuntratt ta' trasferiment tal-proprjeta` in kwisjtoni bil-kondizzjonijiet, prezz u termini kollha kontemplati u stipulati fil-konvenju tat-23 ta' Jannar 1995[12]. L-intimat Pace issa qed jghid li ma kienx ikkontesta l-kawza ghax kien mhedded, izda dak iz-zmien ma kien semma' xejn. Dik is-sentenza qed tigi attakata fi proceduri ohra[13].

Kienet saret il-kawza imsemmija supra minn Joseph Borg fl-1989 kontra Terry Limited ghad-danni cioe` l-kawza numru 512/89. Joseph Pace kien ikkontesta din it-talba u baqa' jikkontestaha tenacjament sakemm fl-2006 huwa ammetta dik it-talba. Pace jghid li hu ammetta (mhux ghax kien sar xi ftehim ma' Borg) imma ghax hass li fl-2006 hu kien "liberu" li jghid il-verita` kollha u ma kienx aktar mhedded, ghalkemm dan it-theddid suppost kien ilu li spicca snin qabel, cioe` wara l-1994.

Fil-fehma ta' din il-Qorti jirrizulta ampjament ippruvat li l-kumpanija Terry Limited ma kienetx qed titmexxa sew u skond il-ligi, u l-kawzi kollha li saru kontra taghha u n-numru ta' mandati li nhargu, hija prova eklatanti ta' dan[14]. Ghalhekk il-Qorti hi tal-ferma konvinzjoni li gie ppruvat li hemm raguni gravi li tiggustifika l-istralc.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li gie prruvat li Terry Ltd waqfet snin ilu milli tikkummercja u milli taghmel pagamenti, u li ma tistax thallas id-djun taghha. Ma jidhirx li hemm lanqas possibbilita` li l-kumpanija terga' topera fil-vicin biex thallas id-djun taghha. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-kumpanija hija insolventi u ghandu jigi appuntat stralcjarju biex jara li l-assi tal-kumpanija jigu applikati skond il-ligi in sodisfazzjoni ta' dawk id-djun ippruvati. B'dak il-mod ebda wiehed mill-kredituri ma jiehu vantagg indebitu, u l-istralc tal-kumpanija jsir taht il-kontroll tal-Qorti.

---

[12] Dok ED1.

[13] Din il-kawza qed tigi attakkat b'kawza ohra numru 803/2003 RCP fl-ismijiet Borg vs Vica Ltd u qedgha ghar-rapport ghas- 7 ta' Ottubru 2010

[14] Din il-Qorti ghamlet referenza biss ghal dawk il-kawzi li huma rilevanti ghat-talba kif impostata mir-rikorrenti dwar it-talba ghall-istralc.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi u a bazi ta' dak li jinghad f'din is-sentenza, tiddeciedi billi tilqa' l-appelli, u fil-waqt li tikkonferma s-sentenza appellata biss fil-parti fejn irrevokat l-inkarigu tal-amministratur provizorju, tirrevokaha fil-kumplament b'dan li tilqa' l-ewwel talba kontenuta fir-rikors ta' Vica Ltd. tad-9 ta' Settembru 2002, u, in omagg ghall-principju tad-doppju ezami, tirrinvija l-atti lura lill-ewwel Qorti biex tahtar stralcjarju u jigi kondott l-istralc konsegwenzjali ta' Terry Limited skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap 386 u eventwalment tiddeciedi wkoll fuq ir-raba' talba. L-ispejjez ta' dan l-appell jithallsu mill-intimati Terry Limited u Joseph Pace solidalment bejniethom. L-ispejjez relattivi ghall-ewwel istanza jibqghu impregudikati sal-gudizzju finali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------